# Il-Ħrafa ta' www.kullkulur.com

## ta' *Trevor Żahra*



Il-protagonisti ta' din in-novella huma żewġ kuġini li jidhru differenti ħafna minn xulxin.

Agħmel lista ta' ħamsa minn dawn id-differenzi. Segwi l-eżempju.



| | Is-Sinjura Adeodata | Rożi |
|---|---|---|
| 0. | *Finanzjarjament għandha dak kollu li tixtieq qalbha peress li wirtet lil żewġha li kien sinjur ħafna.* | *Ta' fuqha senduqha, tant li meta binha Stefan talabha tixtrilu kompjuter, damet taħsibha u aċċertat ruħha mal-għalliem tiegħu li tassew kellu bżonn wieħed għall-istudju tiegħu.* |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

2. Fit-titlu, l-awtur jikklassifika 'l din in-novella bħala ħrafa. Identifika żewġ elementi li nsibu fil-ħrejjef tradizzjonali u li jinsabu f'dan ir-rakkont ukoll (Eż. it-tagħlima, eċċ.)

3. Semmi **żewġ** temi li niltaqgħu magħhom f'din in-novella u għid kif inhuma evidenti f'din in-novella.

4a. Spjega kif Żahra juża s-sarkażmu (jiġbed sieq xi ħadd, jgħid bil-kontra jew iwaqqa' għaċ-ċajt) waqt li jiddeskrivi l-karattru tas-Sinjura Adeodata? Ikteb kwotazzjonijiet li jsaħħu r-risposta tiegħek.

b. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar l-użu tas-sarkażmu f'din in-novella. Taħseb li dan l-istil isaħħaħ jew idgħajjef l-effettività letterarja tal-awtur?

5. X'karatteristiċi tinnota f'din in-novella li jwasslu lill-qarrej jidħol aktar fl-istorja u jħossha qed tiġri madwaru u fl-istess ħin tagħtih esperjenza letterarja pjaċevoli?

6. Permezz ta' dak li jiġri lis-Sinjura Adeodata, l-awtur irid iwassal il-messaġġ li għandna nkunu kuntenti b'dak li għandna. Taħseb li dan il-messaġġ huwa rifless f'dak li naraw u nisimgħu mhux biss f'pajjiżna imma wkoll anke 'l bogħod minn xtutna?

7. Ladarba din in-novella qed tittratta temi li jappellaw għal nies minn pajjiżi, kulturi u żminijiet differenti, taħseb li din in-novella tista' titqies bħala li għandha element b'saħħtu ta' universalità? Agħti r-raġunijiet għar-risposta tiegħek.